MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 38

It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, f'12.03 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Ippjanar, l-Infrastruttura u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Deo Debattista, is-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, L-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Yana Borg Debono Grech, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Norma Camilleri, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Marilena Gauci, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. George Vital Zammit, l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 37 li saret fil-11 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

TALBA GĦAL RULING

L-Onor. Nigel Vella ressaq każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tas-Sur Joseph Farrugia dwar kummenti dispreġjattivi fuq Facebook li saru fuq il-ħidma parlamentari tiegħu.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Nigel Vella u qalet li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

MISTOQSIJIET

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SEBA' SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 41 - MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €85,535,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 41 - Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 42 - FORZI ARMATI TA' MALTA

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €112,346,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 42 – Forzi Armati ta' Malta, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 43 - PULIZIJA

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €142,205,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 43 - Pulizija, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 44 - PROBATION U PAROLE

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,975,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 44 – Probation u Parole, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 45 - PROTEZZJONI ĊIVILI

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €21,293,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 45 – Protezzjoni Ċivili, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT XXII - MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €125,588,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XXII - Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

F'12.10 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Conrad Borg Manché ressaq din l-Emenda:

VOT 41 - MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ

Personal Emoluments

Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".
Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".

Fis-1.37 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Conrad Borg Manché, l-Onor. Frank Anthony Tabone, l-Onor, Darren Carabott għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Francesca Zarb u l-Onor. Ramona Attard għan-naħa tal-Gvern.

Fit-3.01 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

AĠĠORNAMENT

Fit-3.01 p.m. il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

It-Tmien Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Vot 21 - Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat
Vot X - Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat – Kapital

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali — Tielet Qari

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern. Huwa informa wkoll li d-diskussjoni kienet se tixxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal aġġornament ma jitteħidx.

Fit-3.03 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER